2024/2657

9.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2657

tas-26 ta' Settembru 2024

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika [1] (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 [2] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

(2) Skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor [3], li jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tiegħu (il-"Kumitat Konġunt") għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor billi jżid atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor, iżda li la jemendaw u lanqas jissostitwixxu l-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi tal-Qafas ta' Windsor.

(3) Filwaqt li l-Artikoli 40, 41 u 43 tar-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] huma applikabbli skont l-Artikolu 13(3) tal-Qafas ta' Windsor, il-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5 sa 27, 30, 35, 36, 37, 42, 45 u l-Artikolu 44(1) sa (5), tiegħu, huma dispożizzjonijiet ta' att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor u li jenħtieġ li jinżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

(4) Il-Kumitat Konġunt, fil-laqgħa tiegħu li jmiss, jenħtieġ li jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor li żżid dan l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5 sa 27, 30, 35, 36, 37, 42, 45 u l-Artikolu 44(1) sa (5), tiegħu, mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Kumitat Konġunt") għandha tiġi stabbilita fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

[1] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

[3] Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

LÓGA M.